FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 87/2013**

**Il-Pulizija**
**(Spetturi Malcolm Bondin u Herman Mula)**

**vs**

**Omissis**

**Illum, 25 ta' Settembru 2015**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Omissis;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, bejn Ottubru 2011 u Marzu 2012, f'hinijiet differenti:

1) Biegh jew xort'ohra traffika fil-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Artikolu 8(e) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh jew ir-reat ikun jikkonsisti f'bejgh, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wiehed joffri li jaghmel xi wahda minn dawn l-atti, lil minuri, mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-droga bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer, fit-2 ta' April 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti:

3) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fit-2 ta' April 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'hinijiet differenti:

4) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

U aktar talli f'dawn il-gzejjer matul ix-xahar ta' Lulju 2011, f'hinijiet differenti:

5) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (LSD) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez dwar il-hatra ta' esperti jew periti f'dawn il-proceduri, ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali ai termini

tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Semghet lill-partijiet jirrimettu ruhhom ghall-provi mressqa f'dawn il-proceduri.

**Ikkunsidrat:**

**Kunsiderazzjonijiet dwar Htija**

Il-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar it-2 ta' April 2012, il-Pulizija esegwew mandat ta' tfittxija u arrest fil-konfront tal-imputat odjern ghall-habta tat-8.15 am, gewwa r-residenza tieghu, fejn dak il-hin l-istess imputat kien ghadu rieqed u fil-kamra mieghu, kien hemm ukoll certu Gary Falzon, li kien rieqed ukoll. Waqt it-tfittxija fil-kamra tas-sodda tal-imputat, instabu diversi oggetti relatati mal-uzu tal-cannabis, kif ukoll xi *sachets* li kien fihom tracci suspettati tal-*cannabis* u sustanza suspettata *cannabis*. Dak il-hin stess u fil-presenza ta' ommu, l-imputat inghata d-drittijiet tieghu, inkluz id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, gie arrestat u skortat lejn il-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal investigazzjoni ulterjuri.[1]

L-imputat irrilaxxja stqarrija[2] fl-istess jum tat-2 ta' April 2012 fis-6.40 p.m., fil-presenza ta' ommu u dan wara li nghata s-solita twissija skond il-ligi, ossia illi kellu d-dritt li jibqa' sieket izda dak li jghid jista' jingieb bhala prova u wkoll wara li ezercita d-dritt tieghu li jiehu parir legali qabel l-interrogatorju tieghu.

F'din l-istqarrija, meta saritlu referenza ghall-oggetti misjuba fil-kamra tas-sodda tieghu dakinhar stess, ossia numru ta' boroz tal-*plastic* li kienu jikkontjenu tracci tal-*cannabis grass*, kaxxa tal-boroz tal-*plastic* zghar u oggetti ohrajn relatati mal-abbuz tad-droga, l-imputat wiegeb illi dawn huma kollha tieghu u li kien ilu ma juzahom ghal zmien twil. Dwar il-kaxxa kontenenti diversi boroz tal-*plastic* zghar, huwa spjega illi din kienet tieghu, li huwa kien xtrahom ghaliex kien gie mitlub jixtrihom minn certu Alex sabiex dan ikun jista' jqieghed fihom il-*cannabis grass*, imma Alex ha biss pakkett wiehed u l-bqija zammhom hu ghalih u tahom lil *runners* ohrajn. Meta gie muri borza tal-*plastic* li kien fiha diversi boroz tal-*plastic* li jikkontjenu tracci tal-*cannabis grass* u oggetti ohrajn bhal pakketti tar-Rizla, l-imputat wiegeb li dawn kienu nghataw lilu b'xejn minghand habib tieghu sabiex

[1] Ara x-xhieda ta' PC 323 Cedric Buhagiar (a fol. 62 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' PS 635 Alan Calleja (a fol. 68 *et seq* tal-process).
[2] A fol. 13 *et seq* tal-process.

dan jirringrazzjah ghal dak li kien jaghmillu l-imputat qabel waqaf ibiegh. Dawn kienu jikkontjenu l-*cannabis grass* u kien tah borza kull jumejn (fi kliemu "*every couple of days*") ghall-ahhar xahar. L-imputat qal illi huwa jpejjep il-*cannabis grass* f'forma ta' *joint* jew mill-pipa u li jikkonsma madwar zewg grammi fil-gimgha ossia bejn tlieta u erba' *joints* kuljum, qabel jorqod. L-ahhar darba li pejjep il-*cannabis grass* kien fil-jum ta' qabel, wara nofsinhar. Mistoqsi jekk qatt ha xi droga ohra, l-imputat wiegeb illi "*I have taken ecstasy pills about some months ago, I have tried LSD once in July 2011*".[3] Kien ilu juza l-*cannabis grass* madwar sentejn.

Meta gie ssuggerit lilu illi huwa kien juza l-boroz misjuba fil-pussess tieghu sabiex fihom iqieghed il-*cannabis grass* u jbieghha, huwa qal illi ma juzax dawk il-boroz, izda li kien jaghmel il-boroz tieghu. Mistoqsi meta beda jbiegh il-*cannabis grass*, huwa wiegeb li beda fil-bidu ta' Ottubru tas-sena 2011. Qal illi siehbu Gary irrealizza li l-imputat kellu bzonn il-flus u allura offrielu li jbiegh il-*cannabis grass* u l-izjed *legal highs* sabiex jaqla' l-flus. Skond hu, "*most of it I used to sneak it in my mum's wallet due to her financial situation*".[4] Qal illi huwa kien imur il-*Higher Secondary* tan-Naxxar u li hafna minn shabu li kollha jpejjpu l-*cannabis grass* kienu jmorru hemm ukoll u allura beda jbieghilhom il-*cannabis grass*. Huwa kien ibiegh cirka bejn hames u ghaxar grammi fil-gimgha, kien jixtri gramma bil-prezz ta' €20 jew €22 u jbieghha madwar €25. L-imputat qal ukoll illi huwa dam jaghmel dan "*Mostly between October 2011 till December 2011. After New years I cut down massively because I found it was not really worth the risk. I still sold a few packets here and there in grams maybe 3 or 4 grams a week*". Qal illi kien ibiegh il-*cannabis grass* lill-hbieb tieghu, li kienu studenti il-*Higher Secondary* tan-Naxxar jew inkella hbieb li joqoghdu vicin tieghu, il-Balluta. Huwa kien ibiegh id-droga fil-vicinanzi tal-iskola tal-*Higher Secondary*, fin-Naxxar u fil-*weekends* gewwa Paceville, San Giljan. Shabu kienu jcemplulu u jiftiehem maghhom biex jiltaqghu, kienu jiltaqghu u hu jaghtihom il-*cannabis grass* u jithallas. Huwa semma l-persuna li minghandha kienet torigina din il-*cannabis grass*.

L-imputat deher quddiem il-Magistrat Inkwirenti, Dr. Francesco Depasquale, nhar it-3 ta' April 2012 sabiex jikkonferma bil-gurament l-istqarrija rilaxxjata minnu nhar it-2 ta' April 2012.[5] Fil-fatt f'din ix-xhieda saret referenza lill-imputat odjern ghall-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu, fis-sens illi din inqratlu fl-intier

[3] A fol. 14 tal-process.
[4] A fol. 14 tal-process.
[5] Ara l-vera kopja tal-process verbal dwar ix-xhieda guramentata ta' Omissis u Gary Falzon nhar it-3 ta' April 2012, esebit a fol. 19 *et seq* tal-process.

taghha, u ghalkemm ma gie mnizzel imkien testwalment illi huwa kien qieghed jikkonferma l-kontenut tal-istqarrija rilaxxjata minnu bil-gurament, biss f'punt minnhom waqt li kienet qeghda tinqralu l-parti tal-istqarrija fejn huwa kien qed jispjega kemm kien ilu jbiegh il-*cannabis grass*, huwa jghid hekk fix-xhieda tieghu "*I have to add at this stage over and above my statement that I have completely stopped selling anything from the end of February 2012*".[6] Dan ghalhekk juri illi l-imputat kien qed jikkonferma dak li kien inghad minnu fl-istqarrija rilaxxjata minnu, izda kompla jispjega sakemm huwa dam ibiegh id-droga. Dan il-fatt kien naqas li jispjegah fl-istqarrija rilaxxjata minnu originarjament, ghalkemm fl-istqarrija tieghu, meta tkellem dwar il-bejgh minnu tal-*cannabis*, dejjem tkellem fil-passat li jindika li effettivament sa dakinhar tal-istqarrija, l-imputat ma kienx ghadu jbiegh il-*cannabis grass*. In oltre, wara li nqratlu l-istqarrija, mitlub jghid jekk riedx izid xi haga ohra mal-istess stqarrija, huwa wiegeb fin-negattiv. F'din ix-xhieda tieghu, l-imputat zied jghid ukoll illi huwa jbati minn kundizzjoni ossia Aspergers Syndrome u ADHD, li jaqghu fl-ispettru tal-Awtizmu. Qal ukoll illi s-sitwazzjoni familjari tieghu hija wahda difficli u li tramite l-genituri tieghu, huwa ghamel kuntatt mal-Agenzija Caritas sabiex ikun jista' jibda programm. In oltre l-imputat ghadda biex identifika lil diversi persuni minn settijiet ta' diversi ritratti ta' guvintur, liema persuni huwa jsemmihom fl-istqarrija tieghu.

Fuq talba tad-difiza, sabiex l-imputat jitqieghed taht Ordni Temporanju ta' Supervizjoni u jigi segwit mhux biss minn Ufficjal tal-*Probation*, izda wkoll minn psikologu jew psikjatra "*sabiex b'hekk ikun jista' jigi determinat kemm bniedem li jbati bil-kundizzjoni medika li ghandu l-imputat huwa manipulabbli iktar minn an ordinary reasonable man*", il-Qorti laqghet din it-talba u nnominat lill-psikjatra Dr. Joseph Spiteri ghal dan il-ghan.[7] L-imsemmi psikjatra xehed f'dawn il-proceduri[8] u pprezenta r-relazzjoni tieghu[9], fejn qal illi jidher illi l-imputat ghandu:

"*… il-Pervasive Developmental Disorder partikolarment sintomi li jixbhu hafna lil dawk ta' l-awtizmu. Dawn jinkludu nuqqas ta' eye to eye contact, certu facial expressions u body posture li s-soltu nsibu prezenti meta jkun hemm interazzjoni socjali, nuqqas ta' abbilta` li hija prezenti f'relazzjonijiet u attivita` ta' emozzjonijiet u nteressi ta' sharing … Jidher mill-ezami psikjatriku li sar fuq is-Sur Omissis li ghandu l-autistic traits filwaqt ghandu wkoll skond l-istorja psikjatrika li ta huwa, misuse ta' sustanzi lleciti partikolarment il-haxixa. Dawn iz-zewg kundizzjonijiet, jigifieri l-Autistic Traits u Consumption of Cannabis*

[6] A fol. 46 u 47 tal-process.
[7] Ara l-verbal a fol. 6 u 7 tal-process.
[8] A fol. 75 *et seq* tal-process.
[9] A fol. 80 *et seq* tal-process.

*jaghmlu l-fattur specjali li jinstab fl-istess Sur Omissis, jigifieri dik ta' Dual Diagnosis li hija kundizzjoni li minhabba l-aspetti psikologici taghha tohloq cirku vizzjuz jigifieri iktar mas-sintomi awtistici jispikkaw iktar jittiehed il-konsum tas-sustanzi llecti jigifieri f'dan il-kaz, aktar ma' tittiehed is-sustanza llecta cannabis, iktar jidhru s-sintomi ta' awtizmu.*

*Dijanjosi*

*Is-Sur Omissis, kif spjegat iktar 'l fuq, qed ibati minn Dual Diagnosis, jigifieri ghandu aspetti awtistici li jaffettwaw il-hajja tieghu ingenerali u r-rispons tieghu ghac-cirkustanzi mhux tas-soltu, kif ukoll ghandu u qed jigi ttrattat ghal problema tat-tehid tas-sustanzi llecti partikolarment cannabis. Din ta' l-ahhar tinkludi mental and behavioural disorders due to psycho-active substance use.*

*Konsiderazzjonijiet Perizjali dwar l-Allegati Reati*

*Is-Sur Omissis huwa zghazugh ta' 20 sena li t-tfulija tieghu kienet immarkata b'sintomi ta' Autistic Features. Huwa ma kellux id-dijanjosi pura ta' Asperger's Syndrome izda certament jidher li kellu u ghad ghandu sintomi relatati ma' Autistic Features. Minbarra din il-kundizzjoni huwa ghandu wkoll problema tat-tehid tas-sustanzi llecti partikolarment cannabis fejn dan kien zmien jikkonsma dawn is-sustanzi fi kwantitajiet kbar. Jidher illi fil-perjodu ta' madwar l-allegat reat u partikolarment meta gie ntervistat mill-pulizija, li dan iz-zaghzugh kellu l-effett permanenti ta' l-Autistic Traits kif ukoll jidher li kellu effett tal-cannabinoids li setghu nkludew il-fazi ta' Acute Intoxication due to use of Cannabinoids. Din in partikolari tinvolvi nuqqas ta' attenzjoni, nuqqas ta' reaction time, nuqqas ta' gudizzju u depersonalization.*

*Ghaldaqstant din is-sitwazzjoni tad-Dual Diagnosis ghamlet lis-Sur Omissis pjuttost vulnerabbli ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha. Filwaqt li wiehed jirrikonoxxi dawn il-problemi, wiehed irid jghid li huwa fatt li dan l-allegat reat kien ir-raguni ghalxiex huwa mar ghall-ghajnuna u llum il-gurnata qed jiehu s-sapport psikologiku minghand il-Caritas u fil-fatt huwa rraportat u anke skond it-testijiet li ttiehdu, li huwa clean jigifieri m'huwiex jiehu sustanzi llecti.*"

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi fl-ewwel lok, il-Qorti ser taghmel il-kunsiderazzjonijiet taghha dwar il-konkluzjonijiet tal-Perit Psikjatra Dr. Joseph Spiteri u jekk dawn jistghux jincidu kemm fuq l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat, fejn bazikament ammetta li

kkommetta diversi reati li sussegwentement gie imputat bihom, kif ukoll fuq ir-responsabilita` kriminali o meno tal-istess imputat.

Skond l-espert "*Jidher illi fil-perjodu ta' madwar l-allegat reat u partikolarment meta gie ntervistat mill-pulizija, li dan iz-zaghzugh kellu l-effett permanenti ta' l-Autistic Traits kif ukoll jidher li kellu effett tal-cannabinoids li setghu nkludew il-fazi ta' Acute Intoxication due to use of Cannabinoids. Din in partikolari tinvolvi nuqqas ta' attenzjoni, nuqqas ta' reaction time, nuqqas ta' gudizzju u depersonalization. Ghaldaqstant din is-sitwazzjoni tad-Dual Diagnosis ghamlet lis-Sur Omissis pjuttost vulnerabbli ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha.*"

Fir-rigward tal-istqarrija, jibda biex jinghad illi ma jirrizultax mill-provi illi din giet rilaxxjata minnu b'mod involontarju, jew li giet imgieghla jew mehuda b'theddid jew b'biza', jew b'weghdiet jew bi twebbil ta' vantaggi. Li l-istqarrija ttiehdet b'mod volontarju tikkoncedih ukoll id-difiza, meta fis-seduta tad-19 ta' April 2013, iddikjarat illi kienet qeghda tezenta lill-Prosekuzzjoni milli ttella' lil PC 1183 Oliver Borg u lill-omm l-imputat stess, bhala xhieda tal-volontarjeta` tal-istqarrija tal-imputat. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija illi stante li l-imputat kien minuri, prezenti ghall-istess kien hemm ommu. Mhux biss, izda l-istess imputat, ghal darb'ohra fil-presenza ta' ommu, rega' kkonferma din l-istqarrija tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti u dan l-ghada fit-3 ta' April 2013. In oltre, ghalkemm l-espert psikjatriku jiddeskrivi lill-imputat bhala "*pjuttost vulnerabbli ghas-sitwazzjoni li sab ruhu fiha*", l-istess imputat uzufruwixxa wkoll mid-dritt tieghu li jikkonsulta ma' avukat tal-ghazla tieghu qabel sarlu l-interrogatorju. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali datata 22 ta' Frar 2013 fl-ismijiet **Pulizija vs Tyrone Fenech**, il-jedd ta' ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jinghata "*ghall-iskop preciz illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija moghtija mill-persuna interrogata tkun inghatat b'ghazla hielsa, b'gharfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, weghdiet, vjolenza jew b'xi mod iehor abuzivament.*" Qalet ukoll l-istess Qorti illi l-ghajnuna ta' avukat f'sitwazzjonijiet partikolari ta' vulnerabilita`, djghufija jew biza', isservi proprju biex teghleb dik il-vulnerabilita` u biex taghti garanzija kontra kull abbuz fit-tehid tal-istqarrija. Kif inghad, f'dan il-kaz, l-imputat ha parir legali qabel r-rilaxx tal-istqarrija u ghaldaqstant, minkejja l-vulnerabilita` tieghu, m'hemm l-ebda raguni ghaliex il-Qorti ghandha temmen illi l-imputat ma fehemx li kellu l-jedd li jibqa' sieket jew li din l-istqarrija ttiehdet b'xi mod abbuziv. Jidher ukoll illi l-imputat tant fehem is-sitwazzjoni li kien jinsab fiha, illi kif jghid l-Ispettur Malcolm Bondin fix-xhieda tieghu[10], wara li rrilaxxja l-istqarrija, l-imputat ddecieda li jkompli jikkopera mal-pulizija u meta

---

[10] A fol. 10 tal-process.

gew imfehma lilu l-effetti tal-Artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament u fi kliem l-istess Spettur Bondin "*bis-sahha tieghu kissirna cirku kbir ta' droga gewwa il-Higher Secondary*".[11] In oltre, ghalkemm l-espert jghid ukoll illi fiz-zmien tal-allegat reat u partikolarment meta gie intervistat mill-pulizija, l-imputat kellu l-effett tal-*cannabinoids*, irid jinghad ukoll illi l-istqarrija tal-imputat ittiehdet mis-6.40 p.m. sat-8.00 p.m. ta' nhar it-2 ta' April 2012, fil-waqt illi t-tfittxija fir-residenza tal-imputat kienet saret ghall-habta tat-8.15 a.m. tal-istess jum, fejn l-imputat instab rieqed. Fl-istqarrija tieghu, imbaghad, l-imputat jghid illi l-ahhar darba li kien ha l-*cannabis* kien fil-jum ta' qabel wara nofsinhar u ghalhekk dan ma kienx kaz fejn l-imputat kien ghadu kif abbuza mill-*cannabis* proprju qabel ittehditlu l-istqarrija. Fuq kollox, matul dawn il-proceduri, l-imputat qatt ma fittex li jirtira dak li qal fl-istqarrija tieghu jew b'xi mod impunjaha bhala prova inammissibbli.

Issa huwa principju baziku fil-ligi penali illi f'materja ta' responsabilita` kriminali, il-persuna akkuzata b'reat trid tkun kapaci tifforma intenzjoni u tifhem in-natura tal-azzjonijiet taghha, jew kif jghid il-Professur Mamo fin-noti tieghu "*that is to say, that he possessed both will and judgement and was free to exercise both*".[12] Fin-noti tieghu dwar l-artikolu 33 tal-Kodici Kriminali, ossia fejn persuna tkun ezenti minn responsabilita` kriminali jekk fil-waqt tal-att jew tan-nuqqas kienet fi stat ta' genn, fil-waqt li jispjega illi "*<u>insanity ... embraces all forms of disease of the mind</u>, the word 'mind' being used as a general name for the combined operations of intellect and volition*", jghid ukoll illi "*The question, when it arises, is one of fact: it has, that is to say, <u>to be decided whether the defendant had a mental disease and, if so, whether it was of such a character and degree, as to take away the capacity to know the nature of his act and to help doing it</u>*".[13] Fil-kaz tas-sokor, imbaghad, li ghal finijiet tal-artikolu 34(5) tal-Kodici Kriminali, titqies li tinkludi wkoll dak l-istat li jgibu n-narkotici jew id-drogi, din tista' tingieb bhala eccezzjoni kontra akkuza kriminali, kemm il-darba ai termini tal-artikolu 34(2)(b) tal-Kap. 9, il-persuna akkuzata, minhabba s-sokor, kienet fi stat ta' genn, temporanjament jew xort'ohra, fil-waqt ta' dak l-att jew ta' dak in-nuqqas. Fil-kliem tal-Professur Mamo, "*The second exception which our law makes to the rule that intoxication is not an excuse, is where at the time of committing the act or making the omission, the accused was, by reason of such intoxication insane, temporarily or otherwise, to such an extent as to be incapable of knowing that such act or omission was wrong or of knowing what he was doing. Thus it is not every mental aberration or derangement induced by drink that excludes responsibility,*

---

[11] A fol. 11 tal-process.
[12] *Lectures in Criminal Law*, pagna 78.
[13] Pagna 87.

*but only mental derangement of the degree and intensity required by law as is the case with any other form of insanity. Where insanity of the required degree or intensity in fact supervenes as a result of drink, then it furnishes as complete an answer to a criminal charge as insanity produced by any other cause*".[14] Fil-kaz odjern, l-espert psikjatriku jghid illi fiz-zmien tal-allegati reati, l-imputat kellu l-effett permanenti tal-*Autistic Traits*, kif ukoll l-effett tal-*cannabinoids* li setghu nkludew il-fazi ta' *Acute Intoxication due to use of Cannabinoids* u li din in partikolari, tinvolvi nuqqas ta' attenzjoni, nuqqas ta' *reaction time,* nuqqas ta' gudizzju u *depersonalization.* Minkejja dan, mill-atti ma jirrizultax illi l-imputat fiz-zmien tar-reati imputati lilu, ma kellux dik il-kapacita` li trid il-ligi, ossia l-kapacita` li jifhem it-tajjeb mill-hazin jew inkella li minkejja li kellu tali kapacita` ma kienx liberu fl-azzjonijiet tieghu. Fil-fatt fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi huwa kien ibiegh il-*cannabis* fil-kwantitajiet imsemmija minnu l-izjed bejn Ottubru 2011 u Dicembru 2011, izda wara l-ewwel tas-sena "*I cut down massively because I found it was not really worth the risk. I still sold a few packets here and there in grams maybe 3 or 4 grams a week.*"[15] Sussegwentement, fix-xhieda tieghu quddiem il-Magistrat Inkwirenti, imbaghad, jghid ukoll illi huwa waqaf ibiegh il-*cannabis* ghal kollox fl-ahhar ta' Frar tas-sena 2012. Dan ifisser ghalhekk illi l-imputat kien jaf li l-azzjonijiet tieghu kienu hziena, kien jaf ukoll jiddistingwi l-hazin mit-tajjeb u fuq kollox kien ukoll kapaci, wahdu u liberament, jieqaf minn dak li kien qed jaghmel. Li l-imputat kien ukoll kapaci li jifformula l-intenzjoni li jbiegh id-droga jirrizulta wkoll mill-motiv ghaliex huwa kien jaghmel dan u dan skond hu, minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja prekarja li kienet tinsab fiha l-familja tieghu, tant li fl-istqarrija tieghu, huwa jghid illi "*Gary noticed that I needed money really badly and he offered me to sell cannabis grass and legal highs mostly, in order to get money which most of it I used to sneak it in my mums wallet due to her financial situation*".[16] Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi n-nuqqas ta' gudizzju li jitkellem dwaru l-espert fir-relazzjoni tieghu, ma kienx tali li jeffettwa l-kapacitajiet mentali tal-imputat fis-sens li trid il-ligi sabiex wiehed ikun ezenti mir-responsabilita` kriminali.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Il-Qorti sejra issa tikkunsidra l-imputazzjonijiet odjerni. Permezz tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-imputat gie akkuzat bir-reat ta' traffikar tal-pjanta *cannabis* u bl-aggravju tad-distanza u dan b'referenza ghall-perjodu ta' bejn Ottubru 2011 u Marzu 2012. F'dan ir-rigward, jirrizulta ampjament ippruvat mill-istqarrija

---

[14] Pagna 92.
[15] A fol. 15 tal-process.
[16] A fol. 14 tal-process.

rilaxxjata mill-imputat u sussegwentement guramentata minnu, illi huwa kien ibiegh il-*cannabis grass* l-izjed bejn Ottubru 2011 u Dicembru 2011 u li f'dan iz-zmien huwa kien ibiegh bejn hames u ghaxar grammi cirka fil-gimgha. Wara Dicembru 2011, huwa naqqas fil-kwantitajiet li kien ibiegh, tant li beda jbiegh cirka tlieta jew erba' grammi fil-gimgha, sakemm waqaf ghal kollox fl-ahhar ta' Frar 2012. Irid jinghad ukoll illi ghalkemm it-tracci tad-droga li nstabu fil-pussess tal-imputat nhar it-2 ta' April 2012, baqghu ma gewx analizzata minkejja li dawn gew esebiti, il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghaliex tiddubita li dak li kien qed ibiegh l-imputat kien effettivament *cannabis grass*. Jirrizulta fil-fatt mill-istess stqarrija illi l-imputat kien ilu jikkonsma l-*cannabis grass* ghal perjodu ta' sentejn ossia minn madwar April tas-sena 2010 u li kien juza madwar zewg grammi *cannabis* fil-gimgha u ghalhekk certament li kien jaf ben tajjeb f'hiex kienet tikkonsisti din id-droga. Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni ossia dik tal-aggravju tad-distanza, fl-istqarrija rilaxxjata minnu, l-imputat jghid illi huwa kien ibiegh il-*cannabis grass* fil-vicinanzi tal-*Higher Secondary School* gewwa n-Naxxar u fil-*weekends* gewwa Paceville. Ghalkemm din il-Qorti ma tistax tasal lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli illi l-vicinanzi tal-*Higher Secondary School* li jsemmi l-imputat kienu jaqghu gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' dik l-iskola, kif trid il-ligi, biss huwa evidenti illi Paceville, fejn l-imputat jghid li kien ibiegh id-droga fil-*weekend*, huwa post fejn fl-intier tieghu normalment jiltaqghu z-zghazagh u ghaldaqstant, la darba l-imputat kien ibiegh gewwa Paceville, il-Qorti ssib illi anke dan l-aggravju jirrizulta ppruvat fil-grad rikjest mil-ligi.

Fir-rigward tat-tielet imputazzjoni, ossia dik tal-pussess illegali tal-pjanta tal-*cannabis* fit-2 ta' April 2012 u fis-sena ta' qabel din id-data, ukoll jirrizulta sodisfacentement ippruvat, mill-istqarrija tal-imputat, illi fiz-zmien indikat huwa kellu fil-pussess tieghu din id-droga.

Ir-raba' imputazzjoni tikkontempla l-pussess illegali tal-*ecstasy* fit-2 ta' April 2012 u fix-xhur ta' qabel din id-data. Fl-istqarrija rilaxxjata minnu, fil-fatt l-imputat jammetti illi huwa ha l-pilloli *ecstasy* "*some months ago*"[17] u ghaldaqstant b'referenza ghax-xhur ta' qabel it-2 ta' April 2012, din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

[17] A fol. 14 tal-process.

Fir-rigward tal-hames imputazzjoni, mbaghad, ossia dik dwar il-pussess tal-LSD matul ix-xahar ta' Lulju 2011, fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid illi din ipprovaha darba f'Lulju tas-sena 2011. Ghaldaqstant, anke din tirrizulta sodisfacentement ippruvatha.

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni fl-ewwel lok il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reati odjerni, liema fedina penali kienet wahda netta.

Qieset ukoll illi l-imputat kien minuri fiz-zmien tal-kaz odjern u li ghalhekk ghandu japplika fil-konfront tieghu l-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward wara li l-Qorti qieset illi l-imputat kellu sbatax-il sena u nofs meta beda jbiegh il-*cannabis grass*, qed tnaqqas il-piena bi grad. Qieset ukoll illi ghalkemm ma giex specifikatament dikjarat mill-Prosekuzzjoni illi l-imputat ghandu jibbenefika mill-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizulta mix-xhieda tal-Ufficjal Investigatur f'dan il-kaz ossia l-Ispettur Malcolm Bondin, illi l-imputat ikkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament, f'liema stqarrija huwa semma' terza persuna nvoluta fit-traffikar tad-droga u li fir-rigward ta' din il-persuna ttiehdu wkoll proceduri. Fi kliem l-istess Spettur Bondin "*nista' nghid li bis-sahha tieghu kissirna cirku kbir ta' droga gewwa il-Higher Secondary*"[18]. Fil-fatt jirrizulta mill-istqarrija tal-imputat li, kif inghad, giet sussegwentement guramentata, illi huwa semma' u anke identifika numru ta' persuni in konnessjoni ma' traffikar ta' droga. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha li f'dan il-kaz ghandha tapplika l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta. F'dan ir-rigward, qeghda tnaqqas il-piena, in kwantu l-piena ta' prigunerija, b'zewg gradi, fil-waqt illi in kwantu l-piena pekunjarja, b'nofs il-piena applikabbli.

Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-istess Spettur Bondin, illi l-imputat ma kienx il-*mastermind* wara din l-operazzjoni gewwa l-*Higher Secondary* tan-Naxxar, izda kien wiehed mir-*runners* ossia kien ibiegh id-droga ghal terza persuna. Min-naha l-ohra, qieset ukoll illi bejn Ottubru u Dicembru tas-sena 2011, l-imputat biegh bejn hames u ghaxar grammi fil-gimgha u ghalhekk f'perjodu ta' cirka tnax-il gimgha, l-imputat biegh bejn 60 u 120 gramma *cannabis grass*. Dan apparti li huwa baqa' jbiegh il-*cannabis* fi kwantitajiet izghar ghall-perjodu ta' xahrejn ohra.

---

[18] A fol. 11 tal-process.

Ikkunsidrat ukoll ir-relazzjoni tal-espert psikjatriku u l-vulnerabilita` tal-imputat dovuta ghall-kundizzjoni tieghu, kif spjegata izjed ‘il fuq, kif ukoll ir-rapporti tal-Ufficjal tal-*Probation*, Glenn Grixti, li minnhom jirrizulta s-segwenti: In kwantu ghal dak datat 15 ta’ Jannar 2014[19], illi fil-11 ta’ Gunju 2013, fil-15 ta’ Lulju 2013, fit-23 ta’ Ottubru 2013 u fis-7 ta’ Jannar 2014 rispettivament, l-imputat issottometta ruhu ghal erba’ testijiet tal-urina li lkoll irrizultaw fin-negattiv ghal sustanzi illeciti tal-kokaina, eroina u *cannabis*. Fis-27 ta’ Gunju 2013, l-imputat iggradwa mill-programm residenzjali ghar-rijabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga fi hdan l-Agenzija Caritas, li fiz-zmien tar-rapport, kellu zewg impjiegi *part-time* u kien qed jistudja zewg suggetti fil-livell avvanzat. Fir-rapport tad-9 ta’ Mejju 2014, l-istess *Probation Officer* jghid illi l-imputat baqa’ jghix hajja stabbli, qed jahdem u baqa’ l-boghod mill-uzu tad-droga. Fix-xhieda tieghu[20], l-istess Ufficjal tal-*Probation* jghid illi minn Mejju tas-sena 2013, l-imputat issottometta ruhu ghal diversi testijiet tal-urina, bl-ahhar wiehed fit-30 ta’ April 2014, li lkoll irrizultaw negattivi ghal sustanzi illeciti. Skond ir-rapport tal-5 ta’ Frar 2015[21], imbaghad, l-imputat baqa’ jghix hajja stabbli u beda jsegwi kors fuq bazi *full-time* gewwa l-MCAST, liema kors hu mifrux fuq bazi ta’ sentejn. Huwa baqa’ l-boghod mid-droga, liema fatt gie kkonfermat permezz ta’ testijiet tal-urina u l-pjan fil-konfront tieghu kien li jibqa’ f’kuntatt mal-Ufficjal tal-*Probation* u mal-*key worker* tieghu fi hdan l-Agenzija Caritas, sabiex ikompli bil-progress tieghu fit-triq ta’ rijabilitazzjoni.

Ikkunsidrat ukoll illi fil-waqt illi l-imputat jehtieg li jhallas il-kontijiet tieghu mas-socjeta` ghall-hsara li huwa ghamel bit-traffikar tad-droga, mill-banda l-ohra l-Qorti ma tistax tinjora l-isforzi genwini li ghamel l-istess imputat biex jirrijabilita ruhu mill-vizzju tad-droga, il-progress li ghamel miz-zmien tal-kaz odjern anke sabiex jintegra ruhu fis-socjeta` u li dan il-progress m’ghandux jigi stultifikat. Ghaldaqstant, il-Qorti qeghda timponi piena ta’ prigunerija effettiva fil-minimu taghha.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 8(e), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 40A, 120A(1)(a) u 120A(2)(b)(ii) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolamenti 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba

[19] A fol. 66 tal-process.
[20] A fol. 86 tal-process.
[21] A fol. 91 tal-process.

kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 37(2) tal-Kap. 9 u l-Artikolu 29 tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundannah fir-rigward tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, ghall-**piena ta' xahar prigunerija effettiva** u **multa ta' seba' mitt Euro (€700)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas mill-hati b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir fi zmien xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qeghda tigi erogata b'din is-sentenza u ghal dan il-ghan, ir-Registratur ghandu jikkonferma din id-data mal-awtoritajiet karcerarji.  B'dan illi jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.  Fir-rigward tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tqieghed lill-hati taht **Ordni ta' *Probation* ghal zmien tliet (3) snin mil-lum**, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skond il-ligi kemm il-darba huwa jonqos milli jsegwi xi wahda mill-kundizzjonijiet fl-Ordni tal-*Probation*, jew kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor fil-perjodu operattiv tal-istess Ordni.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* u tirrakkomanda li l-hati jibqa' jigi segwit mill-Ufficjal tal-*Probation* Glenn Grixti.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tikkundanna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert psikjatriku Dr. Joseph Spiteri, fis-somma ta' erba' mija u hamsin Euro (€450), liema spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien sena mil-lum.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga, esebiti bhala Dokument MB1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tigbed l-attenzjoni tad-Direttur tal-Habs illi l-hati ghandu jinghata l-ghajnuna kollha necessarja, skond ir-rakkomandazzjonijiet tal-professjonisti li qeghdin isegwuh u tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lid-Direttur tal-Habs.

Finalment, tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-hati u dan stante li kien minuri meta kkommetta r-reati mertu tal-kaz odjern.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat